**Minuti tal-Laqgħa nru 1 tal-Ħames Kunsill, l-Erbgħa 4 ta' April 2007 fit-8.30 p.m.**

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Il-Kunsillier l-aktar anzjan Paul Chetcuti Caruana mexxa l-laqgħa.

| | | |
|---|---|---|
| Kunsillier Josette Agius Decelis | 8.30 p.m. | 9.00 p.m. |
| Kunsillier Joseph Demartino | 8.30 p.m. | 9.00 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 8.30 p.m. | 9.00 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 8.30 p.m. | 9.00 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.30 p.m. | 9.00 p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | 8.30 p.m. | 9.00 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 8.30 p.m. | 9.00 p.m. |
| Kunsillier Christopher Grech | 8.30 p.m. | 9.00 p.m. |
| Kunsillier John Mary Camilleri | 8.30 p.m. | 9.00 p.m. |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | Skużata | |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur A. Anastasi, kien preżenti għal-laqgħa.

Is-Sindku Paul Chetcuti Caruana għamel diskors ta' introduzzjoni fejn ta' merħba lill-kunsilliera ġodda u awguralhom ħidma b'risq il-komunita' tal-Mosta.

Is-Sindku semma li ser jaħtar fuq livell personali tiegħu lis-Sur Alfred Micallef bħala konsulent Amministrattiv tiegħu u lis-Sur Joe Cristina bħala Assistent Personali tiegħu.

**2.0 Aċċettazzjoni tal-ħatra tas-Sindku u Viċi Sindku.**

2.1 S-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ittra ta' aċċettazjoni tal-kariga lis-Sindku Paul Chetcuti Caruana fejn huwa aċċetta.

2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ittra ta' aċċettazzjoni tal-kariga ta Viċi Sindku lill-Josette Agius Decelis fejn hija aċċettat.

Is-Sindku u l-Viċi Sindku ħadu il-ġurament tal-ħatra.

2.3 Is-Segretarju Eżekuttiv stieden lill ex-Sindku Joe De Martino biex jgħaddi il-"Medaljun tas-Sindku" lis-Sindku Paul Chetcuti Caruana.

2.4 Is-Sindku Paul Chetcuti Caruana irringrazzja lill-kulħadd preżenti u stieden lill-pubbliku għall-quddiesa ta' radd il-ħajr li ser issir nhar l-Erbgħa 11 ta' April fis-6.30 p.m. fir-Rotunda. Wara l-Quddiesa ser issir it-tieni laqgħa tal-Kunsill fejn ser isiru l-ħatriet tar-responsabilitajiet tal-kunsillieri, issir konferenza stampa u jiġi preżentata il-pjan ta' ħidma. Il-laqgħa ser issir fis-Sala tal-Komunita'.

L-agenda ġiet eżawrita kollha.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Paul Chetcuti Caruana<br>Sindku | Alphonse Anastasi<br>Segretarju Eżekuttiv |

KUNSILL LOKALI MOSTA